MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 869/2011

**Ivan Borg et**
**Vs**
**St Microelectronics Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Ottubru, 2011 fejn l-atturi qalu illi huma mpjegati ma St Microelectronic (Malta). Illi bhala parti mix-xoghol taghhom ma' St Microelectronics (Malta) Limited gew assenjati fuq xoghol, mill-bidu ta' Awissu 2009 sal-ahhar ta' Lulju 2011, il-Marokk, partikolarment ma' St Bouskoura, u dan skond zewg kuntratti mmarkati Dokument A u Dokument B.

Illi s-socjeta' konvenuta St Microelectronic (Malta) Limited naqset milli tonora ftehim veljanti bejniethom peress li minkejja li klawsola 9 tal-imsemmi ftehim tintitola lill-atturi ghal zewg biljetti tal-ajru *two way economy* kull wiehed fis-sena ghall-iskop ta' btala, flimkien ma' biljett tal-ajru *one-way* fil-bidu tal-impjieg u biljett iehor *one-way* fl-ahhar tal-impjieg, is-socjeta' konvenuta naqset milli tipprovdi biljetti tal-ajru kif pattwit;

Illi minhabba l-agir tas-socjeta' intimata, ir-rikorrenti kellhom jaghmlu arrangamenti ghall-ivvjaggar u jhallsu ghalihom huma, liema arrangament swewhom is-somma ta' sitt mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€695.44) u dan kif jidher mill-biljetti u ricevuti annessi u mmarkati Dokument C u Dokument D liema somma ghandha taghmel tajjeb ghaliha is-socjeta' intimata;

Illi minkejja li giet interpellata anki permezz ta' ittri fl-24 ta' Gunju, 2011 u l-10 ta' Awissu, 2011, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€695.44) rapprezentanti prezz ta' biljett tal-ajru, bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta pprezentat risposta pprezentata fil-25 ta' Ottubru, 2011 fejn eccepiet illi s-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut mis-socjeta' konvenuta u dan kif ser jirrizulta mill-provi li ser jingiebu.

Xehed l-attur Ivan Borg u bil-gurament tieghu qal illi kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta bhala *Technician* mis-sena 2000. Fl-2011 kien hemm *vacancy* biex jahdem St Bouskoura u applika. L-atturi gew accettati u ffirmaw kuntratt bejn ix-xhud u Tonio Portughese in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Ix-xhud jispjega illi skond klawsola 9 huma kellhom jinghataw *one way ticket* biex imorru, *one way ticket* biex jigu u zewg *two way tickets* fis-sena biex jigu ghall-btala. Mela applikaw ghat-tieni *two way tickets* u r-rikjesta giet rifjutata. Ir-raguni li nghataw kienet illi peress illi applikaw vicin it-tmiem tal-impjieg biex il-kumpanija tevita *costs extra* rrifjutawh. L-atturi nfurmaw b'dan lil Tonio Portughese. Minkejja li kienu applikaw ghal l-*leave* f'Marzu sabiex jehduh fil-bidu ta' Lulju t-talba baqghet ma ntlaqghetx. Ix-xhud jghid illi kellhom ihallsu ghat-*tickets* huma . Sa dan it-tant Vince Zahra li huwa l-*Managing Director* ta' St Microelectronics Malta informa lill-atturi illi ma kinux ser jiehdu l-flus tal-*flights*.

Xehed l-attur Joshua Cachia li kkonferma dak kollu li qal Ivan Borg u qal ukoll illi kull korrispondenza kienet inkitbet ukoll f'ismu. Ix-xhud qal illi hadd ma kien infurmahom illi t-*tickets* tal-btala kellhom biss jehduhom taht xi kundizzjoni jew f'xi zmien partikolari. Qal ukoll illi hu kellu bzonn li jinzel Malta peress illi f'Lulju kienet ser tizzewweg ohtu.
Xehed Albert Fenech li huwa l-*Human Resources Section Manager* tas-socjeta' konvenuta u qal illi kien sar *sub-contracting* ta'dawn it-*technicians* ghal St Bouskoura fil-Marokk. Qal ukoll illi St Bouskoura hija entita totalment maqtugha minn St Malta. Ix-xhud jghid illi l-impjegati jithallsu mill-Marokk u jhallsu t-taxxa fil-Marokk kif ukoll f'Malta. Peress illi l-atturi ddecidew illi jhallu l-*leave* taghhom ghall-ahhar xahar St Bouskoura ddecidiet illi minflok tibghathom ghal *holiday* tittermina l-impjieg taghhom u ma jergghux jitilghu. L-atturi ma qablux ma' din id-decizjoni u qabdu u xtraw it-*tickets* ghal Malta. Mistoqsi in kontroezami jghid illi mhux minnu li l-atturi kienu jithallsu minn Malta pero mhux cert jekk il-*Per Diem* kienx jithallas minn hawn Malta. Il-*Per Diem* hija *allowance* talli jkunu qed jahdmu f'dak il-pajjiz. F'xhieda ulterjuri spjega illi filfatt il-flus tal-paga kienu johorgu minn Malta u jkunu *debited* fuq Bouskoura.
Dan il-mod ta' hlas gie kkonfermat ukoll minn Andre Bugeja li qal illi l-paga tithallas minn Malta u l-ammont jigi *debited* lil St Bouskoura filwaqt illi l-*Per Diem* kien jithallas minn St Bouskoura.
It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati fosthom il-kuntratti ffirmati bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta, huwa tal-fehma illi l-atturi meta kienu impjegati ta' St Malta saru jafu b'*vacancy* ghal St Bouskoura, St Malta offriet *Technical Assistance* ghal St Bouskoura u ntbaghtu l-atturi. Dan jixdhu d-dokument ipprezentat a fol 49 tal-process fejn St Malta qed titlob li tithallas lura s-somma li hallset lill-atturi u tuza l-kliem '*being for technical assistance in Marocco*.' Mela allura l-atturi fil-verita gew mislufa lil St Bouskoura u baqghu jithallsu minn St Malta. Haga ohra li wiehed jinnota hija l-kuntratt jitrasferixxi l-impjieg pero klawsola 3 tghid illi jithallsu minn Malta. Il-kuntratt gie ffirmat bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk il-partijiet huma marbuta pero ma giex prezentat kuntratt li ghalih iffirmat St

Bouskoura li qed taccetta lill-impjegati atturi u taccetta li jkunu impjegati taghha u thallas ghalihom hi. Kull ma gie pprezentat kienet *debit note* fejn jintalab hlas '*ghal technical assistance*' mhux biex jithallsu l-impjegati tal-Marokk Ivan Borg u Joshua Cachia.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi la darba hemm *breach of contract* lampanti meta gew irrifjutati li jinghataw *leave u travel tickets* li ghalihom huma intitolati taht klawsola numru 9, l-atturi ffirmaw il-kuntratt ma St Malta u jafu lil St Malta kemm il darba dawn il-kundizzjonijiet ma jigux osservati. It-Tribunal ma jhoss illi kienet decizjoni gusta li jigu rifjutati l-*leave u travel tickets* ghar-raguni li hallew ghal ahhar xahar. Fl-ebda klawsola tal-kuntratt ma hemm imnizzel illi l-*leave* kellhom jehduh sat-tali gurnata jew xahar. Meta wiehed iqis illi l-atturi kellhom raguni validissima u okkazzjoni importanti x'jattendu fix-xahar ta' Lulju, ma setghux il-*leave* jehdu fi granet ohra.

Ghal dawn ir-ragunijet u motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi l-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' sitt mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€695.44) lill-atturi bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------